MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-8 ta' Awwissu, 2007

Numru. 418/2004

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)

vs

Gordon Schembri

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Gordon Schembri ta’ 18 il sena imwieled tal-Pieta’ nhar is-7 ta’ April, 1986 bin Edwin u Nathalie nee’ Galea u residenti 15A, Flat G, Triq il-Wilga, San Giljan (Paceville), detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 207386M li gie mressaq quddiemha akkuzat talli bejn l-1 ta’ Mejju, 2004 u il-25 ta’ Mejju, 2004 f’hinjiet u lokalitajiet differenti fil-gzejjer Maltin

b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew wera haga b'ohra sabiex gieghel li titwemmen l-esiztenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'mezz iehor bi hsara ta' 'Sound cellular Phone shop', Grech Fashions Ltd., u diversi kumpaniiji u entraprizi ohra u il-bank kummercjali HSBC dan ai terminu tal-artikoli 18 u 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli matul dawn l-ahhar zminijiet kien fil-pussess u garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan ai terminu tal-artikolu 13 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Onorabbli Qorti u cioe' sentenza definittiva li nghatlu mill-Magistrat Dr J. Cassar LL.D. nhar it-12 ta' Ottubru, 2003 fejn kien instab hati ta' serq aggravat u gie ssentenzjat il-perjodu ta' probation ghal tlett snin.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tal-20 ta' Ottubru, 2004 fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 18, 308 309, 310, 49, 50, 31, 17(b), 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

(b) Fl-artikoli 13, 27 u 29 tal-Kapitolu 66;
(c) Fl-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446.

Rat li fis-seduta tal-5 ta' Novembru, 2004 l-imputat iddikjara li huwa ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti tas-seduta tal-21 ta' Gunju, 2007 ghall-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti wissiet lill-imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Ghal finijiet ta' piena, il-Qorti kkunsidrat li kif jirrizulta mix-xhieda tal-psikologa Mariella Blackman u tal-psikjatra Dr. Ethel Felice, l-imputat qed ibati minn problemi ta' natura psikologika naxxenti minn trobbija difficli li huwa kellu u ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli kollha msemmija mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-20 ta' Ottubru, 2004 kif ukoll l-Artikoli 17 u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tikkundanna lill-imputat Gordon Schembri ghal prigunerija ta' tmintax (18) il-xahar sospizi ghal tlett snin mill-llum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati fi kliem car bir-responsabilita' tieghu skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qeghda taghmel ordni ta' supervizzjoni li permezz ta' din l-ordni qed tqieghed lill-hati taht is-supervizjoni ta' l-ufficjal sorveljanti, Ivan Sultana ghal perijodu ta' tlett snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabilita' tieghu skond il-ligi jekk ma joqghodx ghal kull ordni legittima illi taghtih l-ufficjal sorveljanti.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lill-Ufficjal sorveljanti, Ivan Sultana.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------